

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Diċembru 2008

li tirrifjuta applikazzjoni għall-introduzzjoni ta' denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti pprovdut fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 (*Germantas*) (IĠP)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 8430)

(it-test bil-Litwan biss huwa awtentiku)

(2009/16/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u partikolarment it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u f'konformità mal-Artikolu 17(2) tiegħu, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Germantas" bħala indikazzjoni ġeografika protetta għal ġobna, imressqa mil-Litwanja u li waslet fil-15 ta' Ġunju 2005.
- (2) B'risposta għal talbiet mill-Kummissjoni, il-Litwanja pprovdiet verżjoni ġdida tal-ispeċifikazzjoni flimkien ma' sommarju kif ukoll tagħrif addizzjonali, li waslu fit-3 ta' Lulju 2006, il-5 ta' Diċembru 2006 u t-3 ta' Settembru 2008.
- (3) Il-Kummissjoni talbet, *inter alia*, għal kjarifiki rigward innatura tar-rabta bejn il-karatteristiċi tal-prodott li għalih kienet qed tintalab ir-reġistrazzjoni u l-orijini ġeografika speċifika tiegħu.
- (4) Wara li eżaminat il-materjal imressaq fl-applikazzjoni mil-Litwanja, il-Kummissjoni nnutat li l-karatteristiċi speċifiċi tal-ġobna huma kkawżati mill-meotdu tal-produzzjoni tagħha, u ma jstgħux ikunu attribwiti għall-orijini ġeografika tagħha. L-ispeċifikazzjoni tistqarr li r-rabta bejn il-ġobna "Germantas" u ż-żona tagħha hija espressa bil-meotdu speċifiku tal-produzzjoni tagħha, li jagħtiha karatteristiċi organolettiċi speċifiċi li jagħmluha differenti minn ġobnijiet oħra. L-ispeċifikazzjoni tassewixxi li l-karatteristiċi organolettiċi speċifiċi għall-ġobna "Germantas", il-kulur kemmxejn safrani b'laqtiet mill-aħdar għall-griż, aroma ħafifa ta' ħalib aċidifikat, xorrox u ħalib ippasturizzat, flimkien ma' toġhma daqsxejn qarsa

ta' ħalib ippasturizzat f'temperatura għolja, il-koll huma relatati mal-metodu tal-produzzjoni tagħha. L-ispeċifikazzjoni barra minn hekk tispjega li l-kulur tipiku tal-ġobna "Germantas" huwa kkawżat mill-maturazzjoni tagħha f'kisja rqiqa trasparenti jew kulurita li fid-dawl tnaqqas id-dekompożizzjoni tal-komposti fotosensittivi. Finnuqqas ta' rabta bejn dawn it-tliet fatturi u l-orijini ġeografika, l-applikazzjoni ma tissodisfax il-kriterji bażiċi għar-reġistrazzjoni bħala indikazzjoni ġeografika protetta.

- (5) Għaldaqstant ma ntweriex li hemm rabta fit-tifsira tat-tieni inċiż tal-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.
- (6) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-applikazzjoni biex id-denominazzjoni "Germantas" tkun irreġistrata bħala indikazzjoni ġeografika protetta għandha tkun irrifjutata.
- (7) Il-miżura pprovduta f'din id-Deċiżjoni hija konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti u d-Denominazzjonijiet Protetti tal-Orijini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-applikazzjoni biex id-denominazzjoni "Germantas" tkun irreġistrata hija b'dan irrifjutata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.